# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 52**

**Citaz. Nru. 929/92GCD**

**Alfred Cachia bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Spring Valley Company Limited**

**vs**

**Maria Concetta mart Henry Thake, u l-istess Henry Thake bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu**

**Il-Qorti;**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fl-1 ta' Novembru, 1996, il-Qorti Civili Prim'Awla ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha cahdet it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta biex thallas lura ammont ta' flus lilha avvanzata in konnessjoni ma' promessa ta' bejgh.

"F'din il-kawza s-socjeta' attrici qieghda titlob li tiehu lura flus li hallset lill-konvenuta fuq konvenju billi l-bejgh ma sehhx.

Ic-citazzjoni tghid li fit-2 ta' Novembru 1990 il-konvenuta kienet intrabtet b'konvenju li tbiegh lis-socjeta' attrici xi artijiet f'Marsascala. Fuq il-konvenju is-socjeta' attrici kienet thallset hamest elef lira (Lm5,000) akkont tal-prezz b'dan illi l-konvenuta setghet izzomm dawn il-flus jekk "jirnexxielha li tipprokura l-bejgh tal-proprjeta' … u s-Sur Alfred Cachia nomine [is-socjeta' attrici] jonqos li jersaq ghall-pubblikzzjoni ta' l-att ta' trasferiment ghal raguni mhix valida …"

Il-konvenju ghalaq fil-15 ta' Frar 1991 minghajr ma sar il-bejgh. Sa dakinhar il-konvenuta kienet ghadha ma setghetx tbigh il-proprjeta' imsemmija lis-socjeta' attrici, billi kienet ghadha mhix sid ta' din il-proprjeta'. Ghalhekk is-socjeta' attrici kellha raguni tajba ghala ma tersaqx ghall-kuntratt ta' bejgh-u-xiri, u d-depozitu li hallset ghandu jinghata lura.

Is-socjeta' attrici ghalhekk talbet li l-qorti, ghar-ragunijiet imfissra fuq, tikkundanna lill-konvenuti jroddu s-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000), flimkien ma' l-imghax mit-2 ta' Novembru 1990 u l-ispejjez tal-kawza, fosthom dawk tal-mandat kawtelatorju ta' l-14 ta' Marzu 1991.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

1. illi l-Qorti tal-Kummerc hija inkompetenti ratione materiae biex tisma' din il-kawza (din l-eccezzjoni kienet inghatat billi c-citazzjoni kienet prezentata quddiem il-Qorti tal-Kummerc); u

2. bla hsara ghall-ewwel eccezzjoni, illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati billi l-bejgh ma sarx minhabba nuqqas ta' l-attur nomine wahdu.

B'sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1992 il-Qorti tal-Kummerc laqghet l-eccezzjoni ta' inkompetenza ratione materiae u l-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza moghtija fl-4 ta' Awissu 1992, ikkonfermat l-ewwel sentenza. Il-kawza ghalhekk intbaghtet quddiem din il-Qorti.

Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma dawn:

B'konvenju iffirmat fit-2 ta' Novembru 1990 il-konvenuta intrabtet li:

> … f'kaz li tasal biex takkwista t-tliet kwarti indivizi ta' [beni immobbli f'Marsascala] liberi u franki minn kull piz u/jew uzufrutt, tipprokura li [l-attur nomine] jakkwista u jixtri l-plots … …

Il-prezz kellu jkun ta' hamsin elf lira (Lm50,000) li minnhom l-attur nomine hallas hamest elef lira (Lm5,000) akkont, bil-patt illi:

> Is-somma ta' Lm5,000 tigi trattenuta (sic) mis-Sinjura Maria Concetta Thake fil-kaz li hija jirnexxielha li tipprokura l-bejgh tal-proprjeta' kif fuq specifikat u s-Sur Alfred Cachia nomine jonqos li jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' trasferiment ghal raguni li mhix valida fl-ligi, liema somma tigi trattenuta mis-Sinjura Thake a saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha.

Pattijiet ohra fil-konvenju jghidu hekk:-

> Is-Sinjura Thake ma tkunx responsabbli ghall-konfigurazzjoni jew alterazzjoni ta' triqat u ta' linja ta' bini decizi mill-awtoritajiet governativi, u l-plots indikati fuq l-annessa pjanta huma biss indikativi u s-Sinjura Thake ma hix qieghda tassikura l-estensjoni taghhom kif tirrizulta mill-istess pjanta.
>
> … …omissis … …
>
> Is-Sinjura Thake tipprokura li l-vendituri tal-proprjeta' li tigi trasferita lil Spring Valley Company Limited jaghtu garanzija ghall-pacifiku pussess b'ipoteka generali.

Il-bejgh lis-socjeta' attrici kellu jsir sal-15 ta' Frar 1991.

Il-ftehim kien sar hekk ghax, meta sar il-konvenju, il-konvenuta ma kinitx sid wahedha tal-beni li kellhom jinbieghu; kellha biss nuda proprjeta' ta' parti indiviza minn erbgha. Ohtha Carmen Grima kellha parti ohra minn erbgha, ukoll b'titolu ta' nuda proprjeta', waqt li ommha n-nofs l-iehor u uzufrutt tan-nofs tal-konvenuta u ohtha.[1]

Fit-8 ta' Frar 1991 l-attur nomine kiteb lill-konvenuta u fost hwejjeg ohra qallha hekk[2]:

---

[1] Ara x-xiehda moghtija mill-konvenuta fis-seduta tat-13 ta' Novembru 1991, fol.14.
[2] Dok. MT1, fol. 50.

> … gejt informat li t-triq tista' tigi mdawra u per konsegwenza mhux ser nixtri dak li jien fhimt li ser nixtri skond il-pjanta.
>
> Gejt informat ukoll li l-awtorita' koncernati jkun mehtieg li jistudjaw dan il-kaz wara li wiehed japplika biex jibni.
>
> Minhabba dan il-fatt mhux possibbli li saz-zmien stipulat tal-konvenju jien nersaq ghall-kuntratt. Bl-ebda mod ma rrid infiehem li ma rridx nixtri dak kollu li konna miftehmin skond il-konvenju u skond il-pjanta.

Fl-14 ta' Frar 1991, jum qabel ma kellu jaghlaq iz-zmien tal-konvenju, il-konvenuta sejhet lill-attur nomine b'ittra ufficjali sabiex jixtri, izda l-attur nomine ma resaqx ghall-kuntratt. Meta xehed fit-22 ta' Frar 1993, qal li ma kienx resaq ghall-kuntratt ta' bejgh-u-xiri ghax "il-konvenuta sad-data li fiha skada l-konvenju ma setghetx tittrasferili l-proprjeta' kollha ghaliex … hija kienet ghadha ma akkwistathiex."[3]

Din hija wkoll ir-raguni moghtija f'ittra li fis-7 ta' Marzu 1991[4] l-avukat ta' l-attur nomine kien baghat lill-konvenuta, wara li kien ghalaq iz-zmien miftiehem fil-konvenju. Din l-ittra tghid hekk, fost hwejjeg ohra:

> Il-klijenti tieghi talbuni ngharrfek li huma dejjem kienu preparati jaslu ghall-kuntratt definittiv pero' inti sal-15 ta' Frar 1991 ma kontx f'pozizzjoni li tonora l-obbligazzjonijiet minnek assunti bl-iskrittura tat-2 ta' Novembru 1990. Huma xtaqu li ngharrfek li huma sallum interessati li jakkwistaw dik l-art fit-terminu ta' dak il-konvenju, u jekk inti preparata li taghmel dan huma lesti li jaslu fuq il-kuntratt.

Din izda ma kinitx ir-raguni mfissra mill-attur nomine fl-ittra tieghu tat-8 ta' Frar 1991, meta talab aktar zmien biex jara jekk il-linja l-gdida tat-triq kinitx sejra tnaqqas mill-art li seta' jibni fuqha. Interessanti wkoll il-fatt li, waqt li fl-ittra tat-8 ta' Frar 1991 l-attur nomine qal li lest jixtri "skond il-konvenju u skond il-pjanta", fl-ittra tas-7 ta' Marzu 1991 l-avukat, ghax gharaf li, skond il-konvenju, il-pjanta kienet biss indikativa, qal li l-klijent tieghu kien lest jixtri "fit-terminu ta' dak il-konvenju" bla ma semma l-pjanta.

Mela l-attur nomine qed iressaq zewg ragunijiet ghala ma xtarax sal-15 ta' Frar 1991: wahda hija raguni li nistghu nsejhulha reali – dik li ried qabel xejn jara x'kienet serja tkun il-linja tat-triq, jekk

[3] Fol. 34
[4] Dok. ACX, fol.52.

hux skond il-pjanta jew le; l-ohra hija raguni li nistghu nsejhula formali – dik li sa dak in-nhar il-konvenuta kienet ghadha ma saritx sid assoluta u wehedha.

Mill-ewwel jidher li l-ewwel raguni, dik reali, ma hix tajba, u l-attur nomine stess ma baqax jinsisti fuqha, kif jidher mill-ittra ta' avukat. Il-konvenju jghid espressament li "s-Sinjura Thake ma tkunx responsabbli ghall-konfigurazzjoni jew alterazzjoni ta' triqat u ta' linja ta' bini decizi mill-awtoritajiet governativi, u l-plots indikati fuq l-annessa pjanta huma biss indikativi u s-Sinjura Thake ma hix qieghda tassikura l-estensjoni taghhom kif tirrizulta mill-istess pjanta."

Nghaddu mela biex naraw tiswiex ir-raguni formali, dik li fuqha l-attur nomine qed jiggieled din il-kawza. Il-fatt li, sal-15 ta' Frar 1991, il-konvenuta ma kinitx sid assoluta u wehedha tal-beni li kellhom jinbieghu hija raguni tajba ghala l-attur nomine seta' ma resaqx biex jixtri?

Jekk naqraw il-konvenju kollu naraw li l-obbligazzjoni tal-konvenuta fil-konvenju kienet "li tipprokura l-bejgh tal-proprjeta'" u mhux li tbiegh hi stess. Huwa minnu li l-konvenju ma sarx b'wisq attenzjoni ghall-ghazla tal-kliem, ghax drabi jghid li l-konvenuta kellha tixtri biex tbiegh hi lis-socjeta' attrici u drabi ohra jghid li l-konvenuta kellha biss tressaq lil terzi biex ibieghu huma lis-socjeta' attrici.

Fil-fatt il-konvenju jibda biex ighid li l-obbligazzjoni tal-konvenuta torbotha "f'kaz li tasal biex takkwista", u hekk jimplika li l-konvenuta kellha qabel xejn takkwista f'isimha. L-ahhar paragrafu wkoll ighid l-istess haga: "L-att ta' trasferiment, fil-kaz li s-Sinjura Thake takkwista l-proprjeta' kif previst fil-paragafu principali ta' din l-iskrittura, isir sal-hmistax ta' Frar 1991".

F'partijiet ohra, izda, il-konvenju jghid mod iehor. Ighid li l-konvenuta zomm il-hamest elef lira "fil-kaz li hija li tipprokura l-bejgh tal-proprjeta'". Il-patt numru erbgha wkoll ighid li "s-Sinjura Thake tipprokura li l-vendituri tal-proprjeta' li tigi trasferita lil Spring Valley Company Limited jaghtu garanzija ghall-pacifiku pussess b'ipoteka generali."

Il-konvenju xejn ma hu ezempju tal-precizjoni u ta' espressjoni cara ta' hsieb car li nistennew li nsibu fi skritturi legali; madanakollu, jidher li l-hsieb kien li l-konvenuta tkun harset l-obbligazzjoni taghha, u ghalhekk ikollha jedd izzomm il-hamest elef lira, jekk issehhilha li tressaq lis-sidien biex ibieghu lill-attur nomine.

Issa l-bejgh ma sarx ghax l-attur nomine ma resaqx biex jixtri, ghalkemm imsejjah b'ittra ufficjali. Ir-raguni dak iz-zmien kienet li xtaq qabel xejn jara kif kienet sejra tkun il-linja tat-triq u jekk kienx ser ikun jista' jixtri "skond il-pjanta". Li kieku resaq biex jixtri, il-bejgh kien ikun jista' jsir, jew il-konvenuta xorta ma setghetx tbieghlu? Biex tirbah din il-kawza il-konvenuta trid turi, li kieku l-attur nomine resaq biex jixtri, kien isib lis-sidien imressqa mill-konvenuta lesti biex ibieghulu.

Fil-fehma tal-qorti, lill-konvenuta sehhilha turi dan. Fil-fatt, fit-12 ta' Marzu 1991, ftit anqas minn xahar wara li kellu jsir il-bejgh lis-socjeta' attrici, il-konvenuta ressqet lil dawn is-sidien biex ibieghu parti mill-istess beni lill-konvenuta stess u parti lil terzi. Ma ngieb xejn li juri li xahar qabel ma kienx isehhilha li tressaqhom biex ibieghu lis-socjeta' attrici. Fil-fatt il-konvenuta xehdet li s-sidien kienu marbutin b'konvenju maghha biex ibieghu jew lilha jew lil min tghidilhom hi, izda kopja ta' dan il-konvenju ma hix fl-atti u ghalhekk, billi ma ngibitx l-ahja prova, il-qorti sejra tiskarta din l-informazzjoni. Anzi, jidher li dan il-konvenju ma sarx, ghax Maria Glanville, wahda mis-sidien, xehdet li lill-konvenuta kienet tatha biss permess bil-fomm biex tbiegh is-sehem taghha lil min trid hi[5].

Ghalkemm ma ngibitx xiehda tajba li sar dan il-konvenju, izda, tressqu biex jixhdu s-sidien l-ohra tal-beni li kellhom jinbieghu lis-socjeta' attrici. Maria Glanville, li kellha nofs indiviz u l-uzufrutt tan-nofs l-iehor, xehdet li kienet lesta tbiegh lil min tghidilha l-konvenuta[6]; is-sid l-ohra, Carmela Grima, ukoll qalet li hi kienet accettat li l-konvenuta tbigh is-sehem taghha wkoll lil min trid u kienet lesta tidher fuq il-kuntratt meta kien ikun mehtieg[7].

Dan kollu juri li l-konvenuta kienet tista' thares l-obbligazzjoni taghha li tressaq lis-sidien biex ibieghu lis-socjeta' attrici, li kieku din dehret biex tixtri. Il-kuntratt ta' bejgh-u-xiri ma sarx mhux minhabba xi nuqqas tal-konvenuta izda ghax naqas li jidher l-attur nomine stess, ghal raguni li ma hix tajba. Ghalhekk sehhet il-kondizzjoni li taghti lill-konvenuta l-jedd li zzomm il-hamest elef lira (Lm5,000) li kien hallasha l-attur nomine meta sar il-konvenju.

Il-qorti ghalhekk taqta' din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kontra taghha."

---

[5] Ara x-xiehda moghtija minn Maria Glanville fit-18 ta' April 1996, fol. 92.
[6] Ara x-xiehda moghtija minn Maria Glanville fit-18 ta' April 1996, fol. 87.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti rriproduciet is-sentenza appellata ghaliex fil-fehma taghha taghmel analizi minizjuza u korretta mhux biss tal-provi prodotti imma wkoll tal-punti ta' dritt involuti. L-analizi analitika tal-provi jirrispekkja fedelment mhux biss il-kelma tal-konvenju li ta lok ghal din il-vertenza, imma wkoll l-intenzjoni tal-kontraenti sewwa u gustament interpretata. Ghalkemm hu fatt li l-konvenju kif innotat l-Ewwel Qorti ma kienx xempju ta' precizjoni legali u ta' espressjoni cara ta' hsieb car, kien hemm indubbjament fih espressa l-volonta' kontrattwali tal-kontendenti illi fil-kaz illi Maria Concetta Thake jirnexxielha "tipprokura" l-bejgh tal-proprjeta' kollha u s-socjeta' konvenuta tonqos li tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att tat-trasferiment ghal raguni li mhux valida skond il-ligi, l-ammont depozitat f'idejha jigi minnha trattenut. Id-dicitura ta' din il-klawsola kontestata kienet zgur f'haga wahda certa. Illi l-kelma "tipprokura" ma setghetx tinghata tifsira differenti minn dik solitu taghha u cioe' illi l-istess Thake tkun f'posizzjoni illi tramite s-servizzi taghha tpoggi a disposizzjoni tal-kompratur biex dan jakkwistah, il-fond kollu u cioe' s-sehmijiet diversi tieghu, allura propjeta' ta' terzi. Il-vinkolu kontrattwali tal-weghda ta' bejgh kien allura l-obbligazzjoni da parti ta' Maria Concetta Thake illi taccerta l-bejgh tal-proprjeta' kollha lis-socjeta' konvenuta u l-obbligazzjoni ta' l-istess socjeta' konvenuta li takkwista l-proprjeta' kollha u xejn anqas minn dan.

[7] Ara x-xhieda moghtija minn Carmela Grima fit-18 ta' April 1996, fol. 96

L-unika konsiderazzjoni ohra fil-konvenju fir-rigward ta' l-oggett tal-weghda ta' vendita' kienet dik illi l-istess Thake ma tkunx responsabbli ghall-konfigurazzjoni jew alterazzjoni ta' triqat u tal-linja tal-bini decizi mill-awtoritajiet governattivi u l-plots indikati fuq l-istess pjanta, kienu biss indikattivi b'mod li l-istess Thake ma kenitx qeghda tassigura l-estensjoni taghhom skond dik il-pjanta. Il-frazi "tipprokura l-bejgh" u l-fatt illi l-vinkolu kontrattwali kien sar biss ma' Maria Concetta Thake u bl-ebda mod ma kien dipendenti fuq l-adezjoni ghall-konvenju minn persuni ohra ko-proprjetarji fl-istess proprjeta, setghu biss iwasslu ghall-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti f'din l-iskrittura tat-2 ta' Novembru 1990, dik cioe' illi ma kienx mehtieg ghall-ezekuzzjoni tal-konvenju illi l-istess Maria Concetta Thake <u>attwalment tkun xtrat hi stess</u> l-ishma indivizi proprjeta' ta' terzi biex imbaghad tkun hi li tbiegh il-proprjeta' kollha lis-socjeta' konvenuta appellanti. Il-kelma "tipprokura" fiha nfisha tfisser proprju illi l-bejgh seta' jsir lis-socjeta' venditrici direttament mill-proprjetarji tad-diversi ishma, sakemm dan ikun sar tramite s-servizzi ossia l-"prokura" ta' l-appellata. Salv dejjem naturalment illi l-vendituri kollha ikunu jaccettaw il-kondizzjonijiet kollha miftehma fil-konvenju u l-kuntratt effettiv isir ezattament b'dawk it-termini.

L-Ewwel Qorti kienet sodisfatta, kif ukoll hi din il-Qorti, illi Maria Concetta Thake kienet f'posizzjoni illi tipprokura l-bejgh tal-fond kollu

lis-socjeta' attrici fiz-zmien stabbilit fl-istess konvenju. Din il-prova tizmentixxi l-premessa fl-att tac-citazzjoni illi sad-data ta' l-gheluq u cioe' sal-15 ta' Frar, 1991 l-istess konvenuta ma kenitx f'posizzjoni li hekk taghmel, ghaliex is-socjeta' appellanti baqghet tinsisti illi l-konvenju kien ifisser illi l-konvenuta appellata kellha necessarjament tkun akkwistat hi stess l-proprjeta' kollha minghand il-familjari taghha. Infatti din kienet l-unika raguni li s-socjeta' attrici qed iggib biex tiggustifika r-rifjut taghha li taddivjeni ghall-kuntratt definittiv meta giet hekk interpellata ufficjalment biex taghmel. Din il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnotax illi l-ishma indivizi fil-fond de quo oggett tal-konvenju li ma kienux jappartjenu lill-appellata, kienu infatti jappartjenu lill-familjari taghha. Kien allura ghal kollox naturali, ragonevoli u komprensibbli illi l-kontraenti fuq il-konvenju tat-30 ta' Novembru 1990 intenzjonatament uzaw il-verb "tipprokura" l-bejgh ta' proprjeta' minghand il-ko-proprjetarji l-ohra wkoll ghaliex ma kien jaghmel xejn sens illi wiehed jesigi illi l-appellata tinkorri l-ispejjez zejda u inutili tat-trasferiment ta' dawk l-ishma indivizi minn fuq il-familjari taghha ghal fuqha meta dawn setghu jigu facilment u legalment evitati.

Din il-Qorti hi aktar minn certa illi s-socjeta' kompratrici appellanti fl-ebda hin ma insistiet li dan isir u li l-intendiment car kien illi l-obbligazzjoni tal-venditrici kienet li tkun f'posizzjoni li tipprokura u tassigura t-trasferiment tal-fond kollu lis-socjeta' attrici u dan ghaliex din kienet interessata biss li takkwista l-fond kollu. Din il-Qorti ma taqbilx

mas-sottomissjoni tas-socjeta' appellanti illi kien biss it-titolu shih ta' proprjeta' vestit fil-konvenuta appellata li seta' jaghtiha d-dritt li tiddomanda lill-attur nomine biex jaddivjeni ghall-bejgh.  Dik id-domanda setghet issir u fil-fatt saret, jekk tkun tissubentra fil-jeddijiet tal-mittent, f'dan il-kaz Maria Concetta Thake, kif jemergu mill-konvenju liberament sottoskritt mill-kontraenti.  'Pacta sunt servanda'.

Lanqas ma hi korretta s-sottomissjoni illi una volta l-mertu jinvolvi t-telfien ta' depozitu li huwa ta' natura penalizzanti, ma kienx lecitu li l-obbligu gie interpretat estensivament izda kellu jigi interpretat restrittivament.  F'dan il-kaz ma hi qed issir l-ebda interpretazzjoni restrittiva jew estensiva tat-termini ta' konvenju.  Il-Qorti sempliciment qrat u fehmet il-kliem kif espressi mill-kontendenti bhala li jfissru l-volonta' taghhom.

Finalment, din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel ma' l-ahhar aggravju li  hu fis-sens illi l-kundizzjoni mposta fil-konvenju kienet wahda inikwa u ngusta.  Dan, skond l-attur, ghaliex ghalkemm hu kien marbut hu ma kellu l-ebda mezz li jinforza l-konvenju kontra l-konvenuta li allura setghet liberament takkwista jew tonqos li takkwista l-proprjeta'.  Ghalhekk skond l-attur il-kondizzjoni ghall-ghemil tal-kuntratt kienet tiddependi mill-volonta' unilaterali tal-konvenuta u konsegwentement  l-imposizzjoni ta' penali fir-rigward kienet nulla.  Dan l-argument seta' jkollu xi validita' li kieku rrizulta illi l-istess konvenuta kienet naqset li

taghmel dak li kienet obbligat ruhha li taghmel u li konsegwentement kellha ssir indagini biex wiehed jara jekk dik l-inadempjenza setghetx tezonera lis-socjeta' attrici mill-hlas tal-penali. Fil-kaz taht ezami pero', il-kaz jidher li hu proprju l-kontra. Dan ghaliex il-persuna li obbligat ruhha li thallas il-penali kienet qed tigi interpellata biex thallasha ghaliex kienet hi li rrifjutat illi tadempixxi l-obbligi taghha skond il-konvenju meta rrifjutat li tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att definittiv meta giet interpellata biex taghmlu mill-kontroparti fit-termini espressi fil-konvenju.

L-aggravju tas-socjeta' appellanti hu allura ghal dawn ir-ragunijiet u wkoll ghar-ragunijiet dedotti mill-Ewwel Qorti insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

cb